

L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2006

Il-baġit tal-programm jista' jkopri wkoll in-nefqa assoċjata ma' l-attivitajiet ta' thejġija, ta' segwitu, ta' monitoraġġ, ta' verifika u ta' evalwazzjoni direttament meħtieġa għall-ġestjoni tal-programm u għall-kisba ta' l-oġġettivi tiegħu, b'mod partikolari studji, laqgħat, attivitajiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, nefqa assoċjata man-netwerks ta' l-IT għall-iskambju ta' informazzjoni u kwalunkwe nefqa ta' appoġġ amministrattiv u tekniku oħra dwar liema l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi għall-ġestjoni tal-programm.

In-nefqa amministrattiva globali tal-programm għandha tkun proporzjonata mal-kompiti previsti fil-programm ikkonċernat u, bħala indikazzjoni, għandha tirrappreżenta madwar 10 % tal-baġit totali allokati lill-programm.

Il-Kummissjoni tista' twettaq attivitajiet ta' informazzjoni, ta' pubblikazzjoni u ta' disseminazzjoni skond ma jkun il-każ, u b'hekk tiżgura konnoxxenza wiesgħa u impatt għoli ta' l-attivitajiet appoġġati mill-programm.

### III. KONTROLLI U VERIFIKI

Għall-proġetti magħżulin bi qbil ma' din id-Deċiżjoni, ser tkun stabbilita *sistema ta' verifika b'teħid ta' kampjuni*.

Il-benefiċjarju ta' l-għotja għandu jqiegħed għad-*dispożizzjoni* tal-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' appoġġ li għandhom x'jaqsmu man-nefqa għal perijodu ta' ħames snin mid-data tal-ħlas finali. Il-benefiċjarju ta' l-għotja għandu jiżgura li, fejn applikabbli, id-dokumenti ta' appoġġ fil-pussess ta' sħab jew membri jitqiegħdu għad-*dispożizzjoni* tal-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni jista' jkollha verifika dwar l-użu magħmul mill-għotja mwettqa jew direttament mill-persunal tagħha jew minn kwalunkwe korp kwalifikat ieħor minn barra li tkun għażlitu hi. Tali verifiki jistgħu jitwettqu matul il-perijodu *ta' validita'* tal-kuntratt kif ukoll matul perijodu ta' ħames snin li jibda mid-data *tal-ħlas* tal-bilanċ. Fejn xieraq, is-sejbiet tal-verifika jistgħu jwasslu għal deċiżjonijiet ta' rkupru mill-Kummissjoni.

Il-persunal tal-Kummissjoni u l-persunal barrani awtorizzat mill-Kummissjoni għandu jkollhom aċċess xieraq għall-uffiċċji tal-benefiċjarju u għall-informazzjoni kollha, inkluża l-informazzjoni f'format elettroniku, meħtieġa għal dawn il-verifiki.

Il-Qorti ta' l-Awdituri u l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) se jkollhom l-istess drittijiet, b'mod speċjali dawk ta' aċċess, bħall-Kummissjoni.

---

P6\_TA(2006)0444

## **Restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sulfonati tal-perfluworoottan \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sulfonati tal-perfluworoottan (emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE) (COM(2005)0618 — C6-0418/2005 — 2005/0244(COD))**

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2005) 0618) <sup>(1)</sup>,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0418/2005),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0251/2006),

<sup>(1)</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

**L-Erbgħa, 25 ta' Ottubru 2006**

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b' test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**P6\_TC1-COD(2005)0244**

**Pożizzjoni tal-parlament ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2006 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2006/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-perfluorooctane sulfonates (emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>(1)</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-OECD wettqet evalwazzjoni tal-perikli bbażata fuq informazzjoni li kienet disponibbli sa Lulju 2002. Din l-evalwazzjoni kkonkludiet li **s-sulfonati tal-perfluorooctane (PFOS) huma persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi għall-ispeċijiet mammiferi u, għaldaqstant**, jindikaw kawża ta' tħassib.
- (2) Ir-riskji għas-saħħa u l-ambjent ikkawżati mill-PFOS ġew evalwati skond il-prinċipji tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji minn sustanzi eżistenti<sup>(3)</sup>. L-evalwazzjoni tar-riskju identifikat il-bżonn li jitnaqqsu r-riskji sanitarji u ambjentali.
- (3) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji u Ambjentali (SCHER) ġie kkonsultat. **Ix-SCHER ikkonkluda li l-PFOS jissodisfaw il-kriterji għall-klasifikazzjoni bħala persistenti ħafna, ferm bijoakkumulattivi u tossiċi. Il-PFOS għandhom ukoll il-potenzjal li jiġu trasportati fl-ambjent fit-tul u għandhom il-potenzjal li jħallu effetti ħżiena u għaldaqstant jissodisfaw il-kriterji li jiġu kklasifikati bħala sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu (POP) skond il-Konvenzjoni ta' Stokkolma<sup>(4)</sup>.** Ix-SCHER ħass il-ħtieġa għal aktar evalwazzjoni xjentifika tar-riskji tal-PFOS, imma qabel ukoll li jistgħu jkunu meħtieġa miżuri ta' tnaqqis tar-riskji sabiex jiġi evitat li jseħħu mill-ġdid l-użi preċedenti. Skond ix-SCHER, l-użi kritiċi li għadhom għaddejjin fl-industrija ta' l-avjazzjoni, l-industrija tas-semikondutturi, u l-industrija fotografika ma jidhrux li jistgħu jikkawżaw xi riskju rilevanti għall-ambjent jew għas-saħħa tal-bniedem, jekk l-emissjonijiet fl-ambjent u l-postijiet tax-xogħol jiġu mminimizzati. Fir-rigward ta' fowms għat-tifi tan-nar, ix-SCHER jaqbel li għandhom jiġu assessjati r-riskji sanitarji u ambjentali tas-sostituti qabel ma tittieħed deċizzjoni finali. **Ix-SCHER jaqbel ukoll mar-restrizzjoni ta' l-użu tal-PFOS fl-industrija tal-plejting, jekk m'hemm l-ebda miżuri disponibbli oħra li jistgħu jiġu applikati sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet waqt il-plejting tal-metall għal livelli sinifikattivament aktar baxxi.**

<sup>(1)</sup> ĠU C 195, 18.8.2006, p. 10.

<sup>(2)</sup> Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2006.

<sup>(3)</sup> ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

<sup>(4)</sup> Deċizzjoni tal-Kunsill 2006/507/KE ta' l-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar it-Tniġġiż Organiku Persistenti (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).